MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2004

Citazzjoni Numru. 311/1997/1

**Martin Azzopardi.**

**vs.**

**Giuseppa Azzopardi.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat l-att tac-citazzjoni a fol. 1 tal-process datat 12 ta' Frar 1997 li bih l-attur, premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni, ppremetta:-

Illi l-attur permezz ta' Digriet Numru 1292/96, skond kif jirrizulta mill-Elenku tad-Dokumenti dokument "Dok. "MA1", datat 17 t'Ottubru 1996, ottjena l-awtorizzazzjoni mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili sabiex skond il-ligi huwa

jkun jista’ jipprocedi kontra l-konvenuta martu ghall-firda personali kif ukoll talbiet ohra ancillari, sussegwenzjali u konsegwenzjali;

Illi l-attur izzewweg lill-konvenuta skond kif jirrizulta mic-Certifikat taz-Zwieg li jigi esebit fi stadju ulterjuri ta’ dawn il-proceduri, pero` li miz-zwieg ta’ bejn il-kontendenti Azzopardi, ma kienx hemm tfal, ghad illi konvenuta hija omm ta’ iben li ghadu minuri li hija kellha minn ragel iehor ismu mhux maghruf;

Illi l-konvenuta hija hatja ta’ adulterju, kif ukoll ta’ minacci, sevizzi, swat, theddid, ingurji gravi, u ragunijiet legalment fondati ohra skond il-**Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta,** u premess illi ghalhekk il-hajja konjugali ta’ bejn il-kontendenti konjugi Azzopardi giet reza mpossibli u illi dan iz-zwieg illum tkisser irremedjabbilment, minghajr ma hemm ebda tama ta’ rikonciljazzjoni;

Talab ghalhekk l-attur, fid-dawl tad-dikjarazzjoni guramentata, tghid il-konvenuta ghala din l-Onorabbli Qorti m’ghandiex taqta’, tiddeciedi u tordna:-

a. Illi l-kontendenti ghandhom jigu mifruda skond il-ligi miz-zwieg taghhom li sehh nhar il-21 ta’ Jannar, 1989, gewwa San Pawl il-Bahar, skond ic-certifikat taz-zwieg li gie esebit fil-mument opportun f’dawn il-proceduri odjerni;

b. Illi ghandha tigi ordnata l-firda personali bejn il-kontendenti konjugi Azzopardi, biex b’hekk tispicca, ghall-effetti kollha civili, l-obbligu ta’ bejniethom li jghixu flimkien (**artikolu 35**);

c. Illi l-firda ta’ bejn il-kontendenti konjugi sehhet minhabba eccessi, mohqrija, theddid jew offizi gravi da parti tal-konvenuta kontra l-attur, jew minhabba li l-hajja flimkien m’ghadhiex aktar possibbli billi z-zwieg ikun tkisser irremidjabbilment (**artikolu 40**);

d. Illi prevja d-dikjarazzjoni li l-htija tal-firda hi attribwibbli ghall-attrici, l-istess attrici ghandha titlef il-jeddijiet

imsemmijin fl-**artikoli 631, 633, 633(a), 825, 826 u 827 tal-Kodici Civili;**

e. Illi l-konvenuta Giuseppa Azzopardi kienet ukoll hatja ta’ adulterju u ghalhekk skond il-ligi ghandha titlef dawk il-jeddijiet u l-privileggi bhala mara mizzewga kif kontemplat fil-**Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;**

f. Illi l-konvenuta ghandha titlef dak kollu li tkun kisbet da parti ta’ l-attur b’donazzjoni bi hsieb ta’ zwieg, jew waqt iz-zwieg, jew taht titolu iehor gratwit;

g. Illi l-konvenuta ghandha titlef kull jedd ta’ parti miz-zwieg ghan-nofs ta’ l-akkwisti illi jkunu saru l-iktar bil-hidma tal-parti l-ohra wara data stabbilita mill-Qorti bhala d-data meta l-parti ghandha tkun ikkonsidrata li minnha tkun hatja tal-firda (**artikolu 48**);

h. Illi l-konvenuta ghandha titlef il-jedd li ggieghel lill-attur, f’kull kaz, li jaghtiha l-manteniment bis-sahha ta’ l-obbligu li jitnissel miz-zwieg;

i. Illi ghandhom ikunu applikabbli u sa fejn applikabbli fid-diskrezzjoni ta’ din l-Onorabbli Qorti, l-effetti ta’ l-**artikoli 51, 52 u 53, tal-Kodici Civili, Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta**;

j. Illi l-konvenuta ghandu jibqghalha l-obbligu tal-manteniment ghall-attur, abbazi ta’ l-**artikolu 54 tal-Kodici Civili,** u bil-modalitajiet li l-istess **artikolu 54** ifisser fid-diversi subartikoli tieghu;

k. Illi ghandu jkun applikat l-**artikolu 55 tal-Kodici Civili** fis-sens illi l-Qorti ghandha tordna li l-kommunjoni ta’ l-akkwisti jew il-komunjoni tar-residwu taht amministrazzjoni separata li jkun hemm bejn il-partijiet tispicca mill-jum li fih is-sentenza tkun finali u konklussiva;

l. Illi kull naha mill-kontendenti konjugi Azzopardi ghandha titlef u tirrinunzja l-jedd tas-successjoni tal-parti l-ohra;

m. Illi l-konvenuta Giuseppa Azzopardi *sive* Josephine Stevens nee` Chetcuti, ghandha tigi ordnata minn din l-Onorabbli Qorti sabiex tirreverti ghal kunjom xbubitha, u cjoe’ ‘Chetcuti’, u ghall-finijiet ta’ l-**artikolu 62 tal-Kodici Civili**, l-attur irid li l-konvenuta formalment tigi ordnata tirreverti ghal kunjom xbubitha, Chetcuti, u dan minhabba danni li l-istess konvenuta qeghda tikkaguna lill-istess attur kif imsemmi fl-istess **artikolu 62 tal-Kodici Civili tal-Ligijiet ta’ Malta;**

m. Illi din l-Onorabbli Qorti ghandha taghti kwalsijasi provvediment opportun li jidhrilha xieraq u gust illi tordna, fid-dawl tat-talbiet suesposti ta’ l-attur, f’din ic-citazzjoni odjerna.

Bl-ispejjez kollha, gudizzjarji u extra-gudizzjarji, kontra l-konvenuta Azzopardi Giuseppa sive Stevens Giuseppa nee` Chetcuti, li minn issa tibqa’ ingunta in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-attur a fol 5 *et seq;*

Rat il-lista tax-xhieda a fol. 9 u 10 tal-process;

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta’ Frar 1999 fejn il-kawza baqghet differita ghan-notifika tal-konvenuta;

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta’ Marzu 1999;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuta a fol 24 tal-process prezentata fid-9 ta’ April 1999 fejn il-konvenuta eccipiet:-

1. Preliminarment, li l-maggior parti tad-domandi attrici huma superfluwi, ghaliex isegwu naturalment u guridikament is-sentenza, fil-kaz eventwali li tigi ikkonfermata s-separazzjoni bejn il-konjugi u r-responsabblita` relattiva u individwali taghhom, u huma intizi biss biex izidu l-ispejjez u d-drittijiet professjonali li, a rigward taghhom, ghandhom jigu sopportati mill-attur.

2. Minghajr pregudizzju li l-allegazzjonijiet ta’ l-attur huma falsi u inezistenti, kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni

tal-kawza, ghaliex il-firda bejn il-kontendenti hija mputabbli esklussivament lill-attur u d-diportament tieghu.

3. Illi l-attur ma hux mentalment u fizikament normali, kif jigi pruvat minn certifikati medici, il-kunsens tieghu ghaz-zwieg kien vizzjat, u l-eccipjenti lesta li tottjeni l-annullament ta l-istess zwieg u tistenna l-kooperazzjoni ta' l-attur ghal dan il-fini.

4. Illi l-eccipjenti kellha assi taghha partikolari li ghandhom jittiehdu in kunsiderazzjoni, kif ukoll l-apport ta' kapitali, biex wiehed ikun jista jivvaluta l-komunjoni tal-akkwisti.

5. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzzjoni guramentata u l-lista ta' xhieda a fol 25 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta' April 1999 fejn giet nominata l-Assistenta Gudizzjarja Dr. Monica Borg Galea biex tigbor il-provi u l-kawza giet differita ghas-6 ta' Lulju 1999.

Rat il-verbali tas-seduti tas-6 ta' Lulju 1999, ta' l-24 ta' Jannar 2000, tat-12 ta' Gunju 2000; tas-7 ta' Novembru 2000; ta' l-20 ta' Frar 2001; tad-19 ta' Settembru 2001; tad-9 ta' Jannar 2002; u tas-26 ta' Marzu 2002 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

Rat is-seduti mizmuma quddiem l-Assistenta Gudizzjarja datati 29 ta' Settembru 1999; 12 ta' Novembru 1999 fejn xehed l-attur; 6 ta' Setembru 2000 fejn ma sar xejn; 15 ta' Marzu 2001 fejn sar il-kontro-ezami ta' l-attur; 17 ta' Mejju 2001 meta rega' ma sar xejn; 19 ta' Novembru 2001 fejn ukoll ma sar xejn; 12 ta' Marzu 2002 fejn giet esebita ittra mid-difensur tal-konvenuta u kompla jixhed l-attur; 5 ta' Gunju 2002 fejn ma sar xejn; 26 ta' Frar 2003 fejn xehed Norbert Bartolo mill-APS Bank Limited, Vanessa Camilleri ghall-Lombard Bank plc; Catherine Fenech ghall-HSBC Bank Limited; 11 ta' Marzu 2003 fejn ma sar xejn; 4 ta'

Gunju 2003 fejn xehed Saviour Micallef ghan-nom tal-BOV plc; 9 ta' Gunju 2003.

Illi rat il-verbali tas-seduti quddiem din il-Qorti kif presjeduta datati 12 ta' Gunju 2002, 14 ta' Gunju 2002 fejn inghata digriet ghall affidavits konvenuta u ordnat li jsiru erba` (4) seduti ghall-provi kollha ta' l-istess; 21 ta' Jannar 2003; 28 ta' Jannar 2003; 4 ta' Marzu 2003 fejn giet iffissata seduta wahda fil-11 ta' Marzu 2003 ghall-provi kollha tal-konvenuta; tat-13 ta' Mejju 2003 fejn giet iffissata seduta ohra ghall-provi kollha konvenuta; u tad-9 ta' Ottubru 2003 fejn l-attur iddikjara li huwa ma jahdimx, il-fond tax-Xemxija ghandu jinqasam, u tfal miz-zwieg ma hemmx, u peress li l-konvenuta u d-difensur taghha ma dehrux il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta' Jannar 2004.

Rat ir-rikors tal-konvenuta datat 5 ta' Novembru 2002 u d-digriet ta' din il-Qorti datat 7 ta' Novembru 2002.

Rat il-provi kollha prodotti;

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**II. PROVI PRODOTTI.**

**(a) Provi ta' l-attur.**

Illi l-attur xehed fis-seduta tal-Gimgha 12 ta' Novembru 1999 li kien ilu tlett snin separat *de facto* minn ma' martu. Rigward l-allegat adulterju, fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu huwa stqarr li kien hemm certu Grezzju Borg u Leli mill-Bidnija li maghhom martu kien qieghed ikollha relazzjonijiet extra-maritali. Sussegwentement, hu xehed li ghalkemm qalulu diversi persuni dwar l-infedelta` konjugali ta' martu huwa la qatt ma qabadha u lanqas jaf ma min kienet qed taqlibhielu.
Illi rigward sevizzi u mohqrija huwa xehed a fol 34 li: "*Lil marti kont ntiha l-flus li kont naqla' u kont anke mmantni lil Freddie……Il-flus li kont naqla' kemm mix-xoghol tieghi u*

*anke minn naghag, jiena kont nghaddihom kollha lil marti hlief xi haga zghira li kont inzomm ghaliha...*"

Illi 'n kontro-ezami (a fol. 47 – 48) huwa specifika li lil martu kien jaghtiha aktar minn erbghin lira Maltin (Lm40) fix-xahar filwaqt li hu kien izomm ghaxar liri Maltin (Lm10) biss ghalih minn kull cekk li kien isarraf, li kien jinghata lilu kull gimghatejn.

Illi dwar il-beni parafernali taghhom l-attur xehed a fol. 35 li huma kienu akkwistaw flat sitwat "Philips", f'Resort Street, San Pawl il-Bahar, f'liema flat illum qed tirrisjedi martu l-konvenuta flimkien ma binha Freddie li huwa iben terza persuna injota. Illi skond l-attur il-flat "*… ahna xtrajnih mill-flus likwidi kontanti li kellna. Jiena kont naghti l-flus lil marti u hi kienet tiehu hsieb il-flus d-dar. Pero` jiena ma nafx jekk marti kellhiex flus taghha personali qabel iz-zwieg u ghalhekk ma nafx jekk ghal dan il-flat marti kenitx uzat xi flus taghha personali sabiex xtrajnieh."*

Illi 'n kontro-ezami a fol. 48 xehed li huwa hareg hafna flus ghal dan il-flat. "*Dawn il-flus gibthom mill-flus li kelli. Domanda: Il-flus li inti hrigt kienu depozitati f'dan il-kont il-bank? Risposta: Iva.*"

Illi sussegwentement f'seduta ohra huwa xehed a fol. 56 li dawn il-flus li huwa hareg li kienu ghandu qabel iz-zwieg ma kenux f'kontijiet bankarji izda kien izommhom mohbijin. *Inoltre* huwa rega' ttenna li ma kienx jiftakar kemm kien l-ammont.

Illi l-attur ma tax il-kunsens lill-avukat tal-kontroparti sabiex jivverifika dwar il-kontijiet bankarji tieghu.

Illi l-attur xehed a fol. 36 li kellhom xi bhejjem u li dawn kienu nbieghu meta huma ma baqghux jirrisjedu flimkien, u li r-rikavat ta' dan il-bejgh inqasam bejniethom.

Illi rigward depoziti bankarji l-attur xehed illi ghandu taht il-mitt lira Maltin (Lm100) iddepozitati.

Illi dwar il-beni parafernali l-attur xehed in kontro-ezami a fol 47 li qabel iz-zwieg kellu xi flus f'kont fil-*branch* tal-Mosta tal-Bank of Valletta izda huwa ma jiftakarx kemm kien l-ammont u li lanqas ghandu dokumentazzjoni.

Illi prezentement l-attur ma jahdimx u jircievi pensjoni ta' mija u wiehed u erbghin lira Maltin (LM140) fix-xahar.

**(b) Provi tal-Konvenuta.**

Illi l-unici provi mressqa mill-konvenuta kienu r-rapprezentanti tal-Banek sabiex jixhdu dwar kontijiet bankarji f'isem l-attur.

Illi l-uniku bank illi fih kien hemm kont bankarju f'isem l-attur kien il-Bank of Valletta p.l.c. Ir-rapprezentant tal-bank xehed a fol 93 tal-process li l-attur kellu bilanc ta' tliet mija u sebgha u disghin lira Maltija u disgha u sebghin centezmu (Lm397.79) fil-perijodu l-1 ta' Jannar 1996 sal-31 ta' Dicembru 1996, liema depozizzjoni tirrispekkja fid-dokument minnu esebit u mmarkat bhala Dok. "SM1" a fol 95 tal-process. Dan il-kont gie miftuh fl-20 ta' Dicembru 1993 u kien ghadu attiv sad-data tas-seduta, senjatament l-4 ta' Gunju 2003. L-istess xhud rega' xehed f'seduta sussegwenti dwar l-istess kont bankarju u ghall-perjodu bejn 31 ta' Dicembru 1994 sal-31 ta' Dicembru 1997. Gie pprezentat dokument immarkat bhala Dok. "PG 100" fejn jidher li l-attur kellu l-istess ammonti ta' flejjes. *Inoltre* ir-rapprezentant tal-Bank xehed li huma kienu ghamlu ricerka jekk kienx hemm kontijiet bankarji ohra f'isem l-attur u irrizultalhom li ma kien hemm ebda kont bankarju iehor.

**III. KONSIDERAZZJONIJIET.**

**(i) Adulterju.**

Illi l-Qorti tirrileva illi l-adulterju huwa bla dubju l-aktar kawza gravi li ghaliha l-ligi tawtorizza s-separazzjoni personali.

Illi l-Qorti tinnota wkoll li hemm diskrepanza bejn il-verzjoni li ta l-attur fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu a fol. 5 *et seq* fejn indika lil certu Grezzju Borg u Leli mill-Bidnija bhala l-persuni li maghhom martu kellha relazzjoni adultera u l-verzjoni moghtija minnu meta xehed *viva voce* quddiem l-Assistenta Gudizzjarja Dr Monica Galea Borg fejn xehed li-:

"*Pero` ma nistax nghid ma' min kienet qed taqlibhieli.*"

Illi qed issir referenza ghall-kawzi fl-ismijiet fl-ismijiet **"Rose Gauci vs Salvatore Gauci"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Ottubru 2002 - Cit Nru:1365/1997/RCP) fejn din il-Qorti sostniet li:-

"… *l-**artikolu 38 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta** jghid illi "kull parti mizzewga tista' titlob il-firda minhabba l-adulterju tal-parti l-ohra". Illi kif tajjeb osservat din il-Qorti fis-sentenza taghha tas-16 ta' April 1953 fil-kawza fl-ismijiet **"Rita Spiteri vs Avukat Dr. Albert vs Grech et noe".** (P.A. (C.C.) Kollez. XXXVII.II.693) l-adulterju "hija bla dubju l-kawza l-izjed gravi li ghaliha l-ligi tawtorizza s-separazzjoni personali; izda, stante d-diffikulta' tal-prova, kif turi l-assenza ta' dispozizzjoni legislattiva li tillimita din il-prova, huwa ormai pacifiku fid-dottrina u fil-gurisprudenza li l-adulterju jista' jkun pruvat permezz ta' indizji u prezunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, precizi u konkordanti, b'mod li ma jhallu ebda dubju f'min ghandu jiggudika".*

Illi fil-kaz odjern l-attur ma ressaq l-ebda indizzji u prezunzjonijiet gravi, precizi u konkordanti. L-unika prova mressqa kienet dikjarazzjoni tieghu ta' dak li kienu jghidhulu n-nies li ghal finijiet ta' prova jikkostitwixxi *detto del detto,* li ma hijiex ammissibbli bhala prova. *Inoltre* l-attur stess *ex admissis* xehed li huwa qatt ma qabad lil martu fil-fatt.

Illi minn naha l-ohra il-konvenuta cahdet l-allegazzjonijiet ta' l-attur fin-nota ta' l-eccezzjonijiet taghha.

Illi ghaldaqstant il-Qorti tikkunsidra li l-kawzali ta' adulterju ma gietx ppruvata.

**(ii) Eccessi, mohqrija, theddid u ngurji gravi.**

Illi fil-kaz in ezami l-attur qieghed jivvanta bhala uhud mill-motivi ghat-talba tieghu ghas-separazzjoni is-sevizzi, minacci, theddid u ingurji gravi. Biex il-Qorti taccetta dawn ir-ragunijiet, jew kwalsiasi wahda minnhom, trid tara li dawn ikunu tali li jirrivestu l-azzjoni proposta u li min jaghmilhom hu hati taghhom. Il-kwistjoni hi wahda ta' fatt imhollija fil-valutazzjoni ta' min irid jiggudika, izda meta jirrizultaw, ghandhom indubbjament jifformaw motiv ta' separazzjoni in kwantu jirrendu l-konvivenza komuni difficli.

Illi f'dan il-kuntest il-Qorti tirrileva li ma hemmx ghalfejn illi jikkonkorru is-sevizzi, l-ingurji gravi, it-theddid u l-minacci izda huwa sufficjenti illi jigi ppruvat wiehed minnhom. Il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **"Elisa Thompson vs Edward Thompson"** (Prim'Awla Deciza 12 ta' Mejju 1925) fejn din il-Qorti diversament presjeduta sostniet illi:-

*"Issa kif inhu pacifiku "perche` il coniuge offeso possa domandare la separazione contro il coniuge colpevole non e` necessario che concorrono gli eccessi, le sevizie, le minaccie, e le ingurie gravi, ma qualunque di tale cause da sola basta, perche` sia tale da violare profondamente i riguardi della convivenza coniugale".*

Illi fil-fehma tal-Qorti mill-kumpless tal-provi prodotti mill-attur jirrizulta li l-partijiet huma hatjin kontra xulxin minhabba sevizzi u ingurji gravi, l-iktar minhabba kif kull parti kienet titratta lill-ohra b'mod li jidher car li qatt ma ezista l-ebda rispett minn parti ghall-ohra u *vice versa* u rrizulta wkoll li kull parti tipprova toskura lill-parti l-ohra f'kull haga li ghamlet u litteralment jghajjru lil xulxin.

**(iii) Li l-hajja konjugali m'ghadhiex aktar possibbli.**

Illi ssir referenza ghad-dispozizzjonijiet ta’ l-**artikolu 40 tal-Kodici Civili** li jghid is-segwenti:

“*Kull wahda mill-persuni mizzewgin flimkien tista’ titlob il-firda minhabba …li l-hajja flimkien ma tkunx ghadha possibbli ghax-iz-zwieg ikun tkisser irremidjabbilment.”*

Illi l-Qorti tikkunsidra l-fatt li l-kontendenti ilhom ma jghixu taht l-istess saqaf ghal diversi snin, liema fatt gie dikjarat mill-attur u ma giex kontradett mill-konvenuta. In fatti filwaqt li l-attur prezentement qieghed jghix f’fond li jinsab f’Ras il-Wied, il-Wardija, il-konvenuta qeghda tirrisjedi gewwa l-flat f’San Pawl il-Bahar.

Illi *inoltre* jidher fic-car li l-hajja konjugali tal-kontendenti hija mpossibli. L-attur qieghed jiddikjara li martu l-konvenuta ma kenetx fidila lejh filwaqt li l-konvenuta qeghda ssostni li l-attur mhux mentalment u fizikament normali. Tali cirkostanzi jeskludu interament il-possibilita` ta’ konvivenza konjugali bejn il-partijet.

Illi l-partijiet izzewgu fil-21 ta’ Jannar tas-sena 1989 u ghalhekk il-perijodu tassattiv ta’ erba’ snin rikjest mill-ligi ddekkorra.
Illi ghaldaqstant galadarba ir-rekwiziti rikjesti mill-ligi jissussisstu u galadarba il-Qorti hija tal-fehma li l-konvivenza bejn il-partijiet hija impossibli *stante* li z-zwieg tkisser irremidjabbilment, il-Qorti tikkunsidra li dan il-motiv huwa wkoll sufficjenti sabiex tigi dikjarata s-separazzjoni bejn il-partijiet, u dan apparti dak ga’ premess.

**<u>(iii) Beni parafernali.</u>**

Illi l-Qorti tinnota in-nuqqas ta’ konsistenza fix-xhieda ta’ l-attur, senjatament meta xehed dwar il-provenjenza tal-flejjes uzati sabiex gie akkwistat il-flat ta’ San Pawl il-Bahar. Primarjament l-attur xehed li dan il-fond gie akkwistat minn fondi komuni tal-kontendenti u li kien hemm possibilita` li martu setghet uzat flus parafernali taghha. F’seduta sussegwenti in kontro-ezami huwa xehed li kien uza flejjes parafernali tieghu ghal dan l-

akkwist. Dwar dawn il-flejjes huwa ma jiftakarx kemm kien l-ammont li kellu u kemm kien effettivament sbanka sabiex sar l-akkwist u kif ukoll xehed li d-dokumentazzjoni relattiva ghall-kont bankarju tieghu ma baqghux fil-pussess tieghu. Sussegwentement huwa xehed li dawn il-flejjes li l-ammont ma jafx kemm kien, kien izommhom mohbijin u mhux f'kont bankarju kif kien sostna precedentement.

Illi din l-inkonsistenza giet anke nnotata mill-Assistent Gudizzjarju li gibdet l-attenzjoni ta' l-attur ghal dan il-fatt a fol. 58 – 59.

Illi tali inkonsistenza kienet ukoll apparenti, kif diga` ntqal aktar 'il fuq, fil-varji verzjonijiet moghtija mill-attur rigward l-allegat adulterju tal-konvenuta.

Illi l-Qorti *in vista* ta' dan, u kif ukoll tan-nuqqas ta' dokumenti li jelucidaw fuq il-provenjenza tal-flejjes sabiex gie akkwistat il-*flat* f'San Pawl il-Bahar tiddikjara li l-fond f'San Pawl il-Bahar jappartjeni indivizament f'porzjonijiet ugwali bejn il-kontendenti *stante* li gie akkwistat waqt iz-zwieg, u wkoll minhabba l-fatt li l-konvenuta ma resqet l-ebda prova kwalunkwe dwar l-allegati beni jew assi parafernali taghha.

L-attur fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu xehed a fol. 8 tal-process li martu bieghet moghza u zammet il-flus hi u kif ukoll hadet il-mutur tal-hart li kien inxtara fiz-zwieg u l-kamra tal-banju. Illi pero' l-ebda wahda minn dawn l-allegazzjonijiet ma huma sostanzjati u ghalhekk jirrizulta wkoll li f'dan ir-rigward l-allegazzjonijiet attrici lanqas gew ippruvati.

**(iv) Manteniment.**

Illi fil-fehma tal-Qorti, in vista tal-fatt li l-kontendenti huma t-tnejn dizokkupati, u l-attur ma ghandu ebda ntrojtu hlief il-penzjoni tieghu izda fic-cirkortanzi din il-Qorti thoss li

ghandha tapplika fil-konfront tal-partijiet id-dispozizzjoni ta’ l-**artikolu 48 (1) (d) tal-Kap 16** b’dan li kull parti tiddekadi mid-dritt taghha ta’ mantiment kontra l-parti l-ohra; qed jigu applikati kontra l-partijiet u fil-konfront ta’ kull wiehed u wahda minnhom id-dispozizzjonijiet ta’ l-**artikolu 48 (1) (a) (b) u (d).**

**(v) Komunjoni ta’ l-Akkwisti.**

Illi din ghandha tigi ddikjarata xolta b’effett mid-data tat-2 ta’ Ottubru 1996, id-data meta l-attur beda l-proceduri ghas-separazzjoni quddiem is-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili (fol.14).

Illi l-komunjoni ta’ l-akkwisti tidher li tikkonsisti biss fil-flat “Philips”, Resort Street, San Pawl il-Bahar, u depozitu bankarju Numru 152 – 0333501 – 7 fil-Bank of Valletta plc , fl-ammont ta’ tlett mija u sebgha u disghin lira Maltija u disgha u sebghin centezmu (Lm397.79), u tordna li l-immobbli indikat ghandu jinbiegh in subbasta u r-rikavat ta’ l-istess ghandu jinqasam nofs bin-nofs bejn il-partijiet, filwaqt li l-kont bankarju ghandu wkoll jinqasam bin-nofs bejn il-partjiet, b’dan li l-konvenuta ghandha tigi moghtija mill-attur nofs l-ammont hekk depozitat. Jinghad ukoll li ghandhom jigu applikati fil-konfront ta’ l-attur id-dispozizzjonijiet ta’ l-**artikolu 48 (1) (a) (b) u (d) tal-Kap 16**. Ovvjament l-konvenuta m’ghandhiex tibqa’ tabita fl-istess fond, liema fond ma ghandux jibqa’ jigi meqjus bhala d-dar konjugali, u ghalhekk ghandha sseh is-subbasta ta’ l-istess fond kif ordnata.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta in kwantu l-istess huma inkompatibbli ma’ dak hawn deciz, u filwaqt **li tichad it-talbiet enumerati (e) (g) (j), tilqa’ t-talbiet attrici enumerati (a) (b) (c) (d) (f) (h) (i) (k) (l) (m) u (n)** biss fis-sens u kif hawn deciz b’dan illi:-

(a) Illi l-kontendenti ghandhom jigu mifruda skond il-ligi miz-zwieg taghhom li sehh nhar il-21 ta’ Jannar 1989,

gewwa San Pawl il-Bahar, skond ic-certifikat taz-zwieg relattiv;

(b) Illi ghandha tigi ordnata l-firda personali bejn il-kontendenti konjugi Azzopardi, biex b'hekk jispicca, ghall-effetti kollha civili, l-obbligu ta' bejniethom li jghixu flimkien (**artikolu 35**);

(c) lli l-firda ta' bejn il-kontendenti konjugi sehhet minhabba sevizzi u offizi gravi da parti taz-zewg partjiet fil-konfront ta' xulxin u wkoll minhabba li l-hajja flimkien m'ghadhiex aktar possibbli billi z-zwieg tkisser irremidjabbilment (**artikolu 40**);

(d) Illi peress li l-htija tal-firda hi attribwibbli liz-zewg partjiet fi grad indaqs bejniethom, l-istess partijiet qed jitilfu fil-konfront ta' xulxin il-jeddijiet imsemmijin fl-**artikoli 631, 633, 633(a), 825, 826 u 827 tal-Kodici Civili** anke b'applikazzjoni ta' l-**artikolu 48 (1) (a) tal-Kap 16;**

(e) Tichad din it-talba *stante* li ma giex ippruvat li l-konvenuta Giuseppa Azzopardi kienet ukoll hatja ta' adulterju.

(f) Illi l-partijiet ghandhom jitlfu dak kollu li kisbu minghand il-parti l-ohra b'donazzjoni bi hsieb ta' zwieg, jew waqt iz-zwieg, jew taht titolu iehor gratwit u dan b'applikazzjoni ta' l-**artikolu 48 (1) (b) tal-Kap 16**;

(g) Tichad din it-talba *stante* li fl-opinjoni ta' din il-Qorti ma ghandhiex tapplika ghall-kaz in ezami;

(h) Illi tilqa' din it-talba fis-sens li kull parti titlfet il-jedd li titlob jew tezigi l-hlas ta' manteniment minghand il-parti l-ohra b'applikazzjoni ta' l-**artikolu 48 (1) (d) tal-Kap 16** fil-konfront taz-zewg partijiet.

(i) Illi tilqa' din it-talba u tapplika l-effetti ta' l-**artikoli 51, 52 u 53, tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** u dan bl-applikazzjoni ta' l-**artikolu 48 (1) (a) (b) u (d) tal-Kap 16** fil-konfront taz-zewg partjiet.

(j) Illi din it-talba qed tigi michuda..

(k) Illi tilqa’ din it-talba u tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta’ l-akkwisti b’effett mid-data tat-2 ta’ Ottubru 1996, id-data meta l-attur beda l-proceduri ghas-separazzjoni quddiem is-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili.

(l) Illi tilqa’ din it-talba b’dan li kull naha mill-kontendenti konjugi Azzopardi ghandha titlef u tirrinunzja l-jedd tas-successjoni tal-parti l-ohra u dan b’applikazzjoni ta’ l-**artikolu 48 (1) (a)** fil-konfront taz-zewg partjiet.

(m) Illi tilqa’ din it-talba u l-konvenuta Giuseppa Azzopardi sive Josephine Stevens nee` Chetcuti, ghandha tirreverti ghal kunjom xbubitha, u cjoe’ ‘Chetcuti’, u dan skond id-dispozizzjonijiet ta’ l-**artikolu 62 tal-Kodici Civili**.

(m) Illi din l-Onorabbli Qorti *in vista* tax-xoljiment tal-komunjoni ta’ l-akkwisti, tillikwida l-istess komunjoni ta’ l-akkwisti u tddikjara li din tikkonsisti fil-flat “Philips”, f”Resort Street. San Pawl il-Bahar u l-kont bankarju Numru 152 –0333501 – 7 fil-Bank of Valletta plc, fl-ammont ta’ tlett mija u sebgha u disghin lira Maltija u disgha u sebghin centezmu (Lm397.79), u tordna li l-immobbli indikat ghandu jinbiegh in subbasta u r-rikavat ta’ l-istess ghandu jinqasam nofs bin-nofs bejn il-partijiet, filwaqt li l-kont bankarju ghandu wkoll jinqasam bin-nofs bejn il-partjiet, b’dan li l-konvenuta ghandha tigi moghtija mill-attur nofs l-ammont hekk depozitat.

Bl-ispejjez kollha, gudizzjarji u extra-gudizzjarji jinqasmu bin-nofs bejn iz-zewg partijiet, hlief dawk tat-talbiet hawn michuda li ghandhom jibqghu a karigu ta’ l-attur.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------